# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Marzu • April 1993

Nru. 71


## Il-Kelma ta' l-Arcipriet

***Meta fl-aħħar sena kienet ħarġet l-aħbar li l-Katekiżmu l-Ġdid tal-Knisja Universali kien wasal sabiex joħroġ, ħafna kienu qed jaħsbu li dan il-Katekiżmu l-Ġdid kien ser iġib xi rivoluzzjoni sħiħa fil-ħsieb u fil-mentalita' tal-Knisja Kattolika. Ħafna ħasbu li l-Knisja bl-iskop li tiġbed iktar nies lejha, u timla' l-bankijiet vojta li jkun hemm fiha, kienet beħsiebha tagħmel......***

# SALE !!! SALE !!!
# SALE B'ROĦS KBIR

Ħafna bnedmin kienu tal-fehma li l-Vanġelu kien iebes wisq biex jiġi aċċettat kif inhu. U allura, dawn in-nies ħasbu, li jekk il-Knisja tagħmel xi tnaqqis żgur li kienet tirnexxi iktar.

U xi stennew jaraw f'dan is-Sale u f'dan ir-Roħs kbir ?

✱ Kulħadd jista' jitlaq il-mara tiegħu u jmur ma' oħra, ma liema waħda jrid, u ma kemm-il waħda jrid........

✱ Dan igħodd ukoll għan-nisa

✱ Li min issa 'il quddiem tista' tagħmel il-flus alla tiegħek li ma jibqax iżjed dnub jekk taħdem u tbati nhar ta' Ħadd,basta taqla' somma ġmielha u titħallas ta' siegħa sagħtejn.

✱ Li l-Quddiesa tal-Ħadd tmur għaliha jekk ikollok aptit jew jekk ma jkollokx fejn tmur x'imkien ieħor.

ROĦS KBIR ieħor ħasbu li ser ikun:-

❑ Li tista' tagħti l-ġenb il-quddies ta' kuljum, ir-Rużarju, u talb ieħor fil-familja minħabba l-films, il-partiti, it-T.V. , il-Videos .

❑ Li tkun tista' tirraporta "sick" għax-xogħol, avolja ma tkunx marid

❑ Li tista' tiċċarġja kemm trid għall-viżti, pariri, u kontijiet oħra.

❑ Li tista' tgħid kemm trid u li trid fuq ħaddieħor.

❑ Li tista' tberbaq flusek fix-xejn, mingħajr ma tħabbel moħħok f'martek, f'żewġek u f'uliedek, l-aqwa li impikajt mal-ġara, u dehert aħjar minnha.

❑ Li l-prinċipji antik ta' għajn għall-għajn u sinna għal sinna jerġa jibda' jgħodd, għax qed tittendi li jekk taħfer jerġgħu jagħmlulhielek.

Ħareġ il-Katekiżmu tal-Knisja Universali u minn dan is-SALE KBIR kollu u minn dan ir-ROĦS KBIR ma kien hemm xejn! Kos għaliex, hux?

Mela l-Knisja ma tridx terġa timla' l-bankijiet bin-nies?

ikompli f'paġna 2

# IL-FESTI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA



Il-Festi tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Bażilika ta' San Ġorġ jingħataw attenzjoni speċjali. Din hija waħda mill-festi prinċipali ta' matul is-sena. Minħabba f'hekk, kien jinħass li jitwaqqaf kumitat li jieħu ħsieb, kemm il-Purċissjoni tradizzjonali u devota kif ukoll l-attivitajiet konnessi mal-Ġimgħa Mqaddsa.

Barra l-organizzazzjoni tal-Purċissjoni, il-Kumitat, minn sena għall-oħra, dejjem jara kif jibdel, jirranġa u jtejeb dawk l-oġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' din il-Purċissjoni. F'dawn l-aħħar seba' snin irnexxielu jagħmel sett ta' bradelli u bankuni ġodda tal-kewkba għall-vari

ikompli f'paġna 3

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita', Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

25.12.92: **REBECCA-ANTONIA**, bint Charles Mintoff u Maria nee' Tabone
23.01.93: **CHRISTOPHER**, iben George Bugeja u Helen nee' Grima
07.02.93: **RAY GEORGE**, iben Francis Cassar u Marija Assunta nee' Tabone
07.02.93: **MARLON**, iben Francis Cassar u Marija Assunta nee' Tabone
20.02.93: **ANDREAS MANFRED**, iben Manfred Eckert u Karen nee' Camilleri
27.02.93: **MAUREEN**, bint Joseph Vella u Doreen nee' Muscat
07.03.93: **ĠORĠI**, iben Mario Portelli u Frances nee' Xerri

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

6. 2.93: Gino L. Clemente ( New Jersey,USA) u Marisa Farrugia

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

22.1.93: Francesca Formosa
18.2.93: Carmelo Cini
23.2.93: John Camilleri
6.3.93: Francelle Attard

## *Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

*jaqbad mall-paġna ta' quddiem*

Daż-żgur li trid timlihom; iżda trid li min jimla' dawk il-bankijiet ikun nisrani konvint, li sama' l-istedina ta' Kristu, u minkejja t-toqol tas-salib li jrid igorr, imidd spallejh u jimxi wara l-Imgħallem Divin.

Meta jiġi għall-prezz li jrid jitlob minna, Kristu ma joqgħodx jilgħab. Żgur li mhux ser jgħolli l-prezz; iżda daqshekk ieħor mhux ser inaqqsu. U jekk jara ħafna nies ħerġin 'il barra mill-ħanut tiegħu, il-prezz xorta waħda jħallih kif inhu. U jekk is-"salesman" tiegħu, inkwetat għax qed jitlef il-klijenti, jersaq lejH u jgħidlu biex iraħħas, jew inkella biex jagħmel xi SALE KBIR, Kristu żgur li jdur fuqu u jgħidlu: "TRIDX TMUR INTI WKOLL !!!"

***L-Arċipriet***

# Editorjal

## It-Tberik tal-Familji

Id-drawwa qaddisa li ta' kull sena fi żmien il-Għid l-Arċipriet jdur familja, familja u jbierek illum drajnieha. Drajnieha tant li forsi ma nħossux l-importanza ta' din iż-żjara.

Il-qawl malti jgħid li "Il-Milied tal-kċina u l-Għid taż-żina". Sa ftit snin ilu veru hekk kien. Araħom lill-ommijietna jnaddfu u jippreparaw id-dar għax ġej l-arċipriet ibierek. Purtieri, tapiti, tiżjin u mitt ħaġa oħra biex meta jiġi jżurna l-arċipriet ikollna dar xummiema. Iżda l-iskop ta' din iż-żjara mhuż biex l-arċipriet jitpaxxa bl-għamara, bil-poġġamani, bil-linef u bit-tiżjin li nagħmlu.

Din iż-żjara llum, kif suppost kellha dejjem, tfisser it-tberik tal-familji fi żmien ta' ferħ kbir meta qed infakkru l-Qawmien mill-Mewt ta' Sidna Ġesu' Kristu. L-Arċipriet bit-tberik tiegħu qed iwassal il-ferħ ta' l-Għid fil-familja tagħna u ma jimputaħx mit-tiżjin u mit-tlellix tal-kmamar tad-djar tagħna.

Anzi l-Arċipriet mhux il-purtieri, għamara u tiżjin jrid jara. Irid jara lilna, il-membri tal-familja. Irid jiltaqa' magħna. Ikellimna fuq il-problemi tagħna. Igħinna fit-taqbida tagħna kontra kull influenza mhix korretta li qed iġġib magħha s-soċjeta' moderna. Irid jitkellem fuq uliedna. Irid jisma' fejn jista' ikun ta' għajnuna. Irid jara jekk il-familji tagħna hux verament qed jgħixu il-ħajja nisranija. Irid iħoss il-polz tal-fidi nisranija ħalli bil-pariri tiegħu jgħinna ngħelbu kull diffikulta' li jista' ikollna.

Din iż-żjara tat-Tberik għandha tkun il-bidu ta' djalogu ma' l-Arċipriet u anke ma xi saċerdot ieħor biex nirregolaw ruħna ħalli l-ħajja fil-familja tagħna tkun dejjem iżjed tixbaħ lill-ħajja tal-familja ta' Nażaret.

J'Alla ż-żjara ta' l-Arċipriet fil-familji tagħna tkun verament ta' ġid spiritwali kbir. Dan jista' iseħħ biss jekk nagħmlu ħilitna biex niftħu qalbna beraħ għall-barka ta' Kristu Rebbieħ fuq il-Mewt u fil-laqgħa tagħna ma l-Arċipriet ma niddejjqux niftħu qalbna u nitkellmu dwar dak li forsi qed inikkitna.

B'hekk u b'hekk biss it-tberik tal-familji fi żmien il-Għid jħalli l-frott tant mixtieq fost il-Komunita' Parrokkjali tagħna.

# KORS TA' THEJJIJA GĦAŻ-ŻWIEĠ



**Bejn Jannar u Ġunju ta' din is-sena l-Kumitat tal-Familja fi ħdan il-Kunsill Parrokkjali tal-Parroċċa ta' San Ġorġ qed jorganizza Kors ta' 10 laqgħat dwar is-Sagrament taż-Żwieġ. Għal dan il-Kors ġew mistiedna l-għarajjes kollha kif ukoll il-koppji miżżewġin f'dawn l-aħħar snin. Fil-fatt kien hem tweġiba tassew tajba u dawk kollha li qed jattendu wrew l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kelliema huma Dun Ġorġ Frendo, Dun Ġużepp Farrugia u Dun Anton Borg. Ko-ordinatur tal-Kors huwa Dun Ġorġ Frendo.**

# PELLEGRINAĠĠ IEĦOR GĦAL LOURDES

**Anke din is-sena, l-Parroċċa tagħna ser torganizza Pellegrinaġġ ieħor għal LOURDES. Din id-darba ser nitilqu nhar l-ERBGĦA, 28 ta' Lulju filgħaxija u niġu lura it-TNEJN, 2 ta' Awissu fil-għodu.**

**Peress li ser ikollna erbat ijiem sħaħ, din id-darba ser jirnexxielna nżuru postijiet ġodda fosthom is-Cite' St. Pierre, il-Fortizza bil-Mużewijiet li tiġbor fiha kif ukoll postijiet oħra ta' interess.**

**Il-Booking diġa huwa miftuħ u diġa hemm numru li bbukkjaw. Billi n-numru huwa limitat ħafna, kull min huwa nteressat għandu javviċina l-Arċipriet fl-Uffiċċju Parrokkjali malajr kemm jista' jkun.**

## IL-FESTI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

kollha. Propju l-aħħar tnejn kienu għall-festa tas-sena li għaddiet.

Fuq talba tas-Sur Anthony Xuereb u bl-inizjattiva finanzjarja personali tiegħu, saret il-vara ġdida tar-Redentur li żżanżnet is-sena l-oħra. Is-sena li għaddiet ukoll ingħata bidu biex l-Urna tal-Monument tiġi attrezzata u msebbħa kemm jista' jkun. Bħala bidu għal din l-opra, is-simboli li għandhom f'idejhom l-anġli saru tal-fidda. Din l-opra kompliet għamlet din l-urna aktar rikka. Hemm il-ħsieb ukoll li din l-Urna tkompli tiġi mżejjna b'aktar opri artistiċi.

L-Istatwa ta' Marija Addolorata żżejnet bi stellarju u sejf tal-fidda, t-tnejn rigal tas-Sur Ġorġ Farrugia ta' l-Orjenti u uliedu. Ġie restawrat il-Kurċifiss li jintuża fil-funzjoni ta' l-Adorazzjoni tas-Salib li ssir fil-Ġimgħa l-Kbira, u saru wkoll il-kartella



bl-INRI u l-imsiemet tal-fidda. dawn ħallas għalihom in-Nutar Dr. Paul Pisani.

Din is-sena ser jiżżanżan sandli tal-fida banjat bid-deheb għall-vara tad-Duluri, rigal tas-Sur Richard Portelli u l-istaff ta' li STONE CRAB Restaurant, ix-Xlendi. Ser jiżżanżnu wkoll tnax il-libsa għat-tfal li jieħdu sehem fil-Purċisjoni. It-tfal ser jilbsu bħal fratelli tal-Kurċifiss.

Minn kemm ilhom li ġew rinnovati l-ilbiesi tat-tfal lebsin ta' Kavallieri qatt ma kellhom xwabel sbieħ u addattati. Din is-sena l-Kumitat ħa l-inizjattiva biex dawn ix-xwabel isiru ġodda u jiżżanżnu fil-purċissjoni li din is-sena ser issir nhar il-Ħamis, 8 ta' April. Il-Kumitat qed jirċievi donazzjoniiet għal dawn ix-xwabel.

Il-Kumitat għandu bosta proġetti xi jwettaq, Diġa għandu f'idejn xi donazzjonijiet biex isiru stellarju u sejf tal-fidda għall-istatwa tad-Duluri tal-Varu l-Kbira. Kull opra tirrekjedi bosta flus biex issir. Il-Kumitat ma jagħmel l-ebda ġabra għal din il-festa, għalhekk jiddependi fuq il-ġenerożita tal-benefatturi u tal-parruċċani.

Il-Kumitat jilqa' kull suġġeriment, offerta jew għajnuna dwar din il-Purċissjoni u l-festa u dawn jiu ttrattati fuq il-mertu tagħhom. Kull għotja għall-opri u tiswijiet għandha tingħata lill-Mons. Arċipriet jew lis-Segretarju tal-Kumitat, is-Sur Ġorġ Borg u tingħata rċevuta.

Fl-aħħarnett il-Kumitat iħeġġeġ lil kull min jista' sabiex jagħti daqqa t'id għal waqt il-Purċissjoni, sabiex bil-għajnuna u l-koperazzjoni ta' kulħadd din il-Purċissjoni tibqa' tiġi meqjusa bħala l-iktar waħda devota u organiżżata.

Fil-Kumpless tat-Teatru ASTRA

**IDEAL HOME EXHIBITION**

**Il-Ġimgħa, Is-Sibt u l-Ħadd - 2, 3, 4 ta' APRIL 1993**

*Għażla kbira ta' oġġetti u prezzijiet rħas*

# San Ġorġ fil-Ħsieb ta' San Pier Damiani *(1007 - 1072)*

**Kan. Dun Nikol Vella Apap**

**Tagħrif Bijografiku**

San Pier Damiani twieled fl-1007 f'Ravenna. Kien wieħed mill-kittieba magħrufa tas-seklu IX, u wieħed mill-ikbar li ħa sehem fir-riforma pre-gregorjana.(1)

Wara li għadda bl-unuri kollha l-istudji tiegħu fil-belt ta' Faenza, f'Parma, ta' 28 sena daħal fil-monasteru ta' Fonte Avellana. Kien reliġjuż eżemplari u predikatur magħruf. Ta' 36 sena kien ġie magħżul Prijur. F'dan iż-żmien, fil-monasteru beda "Żmien tad-Deheb" għal qdusija u għall-għadd ta' monaċi (patrijiet). Kien ammiratur kbir ta' San Romwaldu li tiegħu kiteb ħajtu. Interpreta wkoll ir-Regola tal-qaddis Romwaldu skond it-tradizzjoni li ħalla lill-eremiti tiegħu ta' Camaldoli.(2)

Għad li kien jgħix ta' eremita ġo kunvent, kellu sehem kbir fir-riforma tal-Knisja li saret taħt Hidelbrand ħabibu, il-futur Papa Girgor VII. Ħa sehem fis-Sinodu Lateran tas-sena 1047, fejn saru bosta digrieti kontra s-simonija u f'dak ta' Faenza fis-sena 1055, taħt il-Papa Vitor II, li kkundanna sew is-simonija, kemm drawwiet oħra ħżiena li kienu daħlu fil-kleru.(3)

Fil-Ħarifa tas-sena 1057 il-Papa l-ġdid, Stiefnu IX ried jaħtru Kardinal. Għal żmien twil il-qaddis żamm iebes, iżda fl-aħħar, wara t-theddida ta' l-iskomunika kellu jaċċetta l-kardinalat bħala isqof ta' Ostja (30 ta' Novembru 1057). (4).

Fil-kitbiet numerużi tiegħu - kollha xogħol ta' ħila għat-tweġiba tal-problemi mgħaġġla ta' dawk iż-żminijiet, huwa wera li kien teologu-apoloġista insinji, waqt li fil-korrispondenza numeruża ħalla ritratt tal-karattru qawwi tiegħu u ta' axxetiżmu sod u ispirat, li mijiex ħlief dokumentazzjoni prezzjuża ta' storja u ta' parti li tegħleb fil-ħwejjeġ tal-knisja. Il-kitbiet tiegħu huma mimlija kliem bibbliku fejn ġie msejjaħ "Jeronimus junior", bil-malti Ġlormu ż-żgħir.(5)

Fil-bidu ta' l-1072 kellu jmur Ravenna biex iġib il-paċi lil dik il-popolazzjoni li kienet waqgħet fl-iskomunika għax ħadet il-parti ta' l-antipapa Kadalow. Huwa u ġej lura qabdu d-deni fil-belt ta' Faenza. Għadda ġimgħa marid fil-kunvent ta' Santa Maria degli Angeli. Hawn il-lejl tal-festa tal-Kattedra ta' San Pietru f'Antijokja talab lill-patrijiet biex jibdew l-uffiċċju ta' dik il-festa u meta waslu fil-Lawdi miet. Ġismu llum jinsab fil-kappella ddedikata lilu fil-Katidral ta' Faenza. Ljun XII fl-1828 estenda l-festa tiegħu mad-dinja kollha u ddikjarah "Duttur tal-Knisja".(6)

**San Ġorġ fil-Ħsieb ta' San Pier Damiani**

*"Egħżież, il-festa ta' San Ġorġ hi marbuta mal-ferħ u l-glorja tal-Għid, qisha ħaġra prezzjuża tleqq bi ġmielha tkompli ssebbaħ id-deheb li tkun ingastata fih.*

*San Ġorġ għadda minn eżerċtu għall-ieħor; huwa ħalla d-dinjita' ta' uffiċċjal ta' l-art u daħal fl-eżerċtu*



*nisrani. Bħala suldat tassew qalbieni, huwa ta kull ma kellu lill-foqra biex jeħles mill-piż tal-ġid tad-dinja, u hekk, ħafif u bla xkiel, libes il-korazza tal-fidi, u bil-ħeġġa kollha nxteħet f'nofs it-taqtigħa bħala gwerrier ta' Kristu.*

*Minn dan nitgħallmu sewwa li min jibża' jinfired mill-ġid ta' l-art, ma jistax jissielet u jiddefendi l-fidi bil-qawwa u kif imiss.*

*San Ġorġ theġġeġ bin-nar ta' l-Ispirtu s-Santu u b'mod ta' l-għaġeb twettaq bis-sinjal tas-Salib; hekk daħal għat-taqbida kontra sultan ħażin biex jirbaħ lill-prinċep tal-ħżiena kollha fil-qaddej tiegħu, u biex jagħmel il-qalb lis-suldati ta' Kristu ħa jissaraw b'ħilithom kollha.*

*Il-mexxej il-kbir li ma jidhirx kien għajnejh fuqu. Huwa għogbu jħalli l-idejn tal-ħżiena jaħqruh; imma jekk ta ġisem il-martri tiegħu f'idejn il-qattiela, huwa żamm lil ruħu fil-fortizza qawwija tal-fidi, u ma waqafx iħarsu bid-driegħ setgħani tiegħu.*

*Inħarsu, ħuti egħeżiez, lejn dan is-suldat ta' l-eżerċtu tas-sema, mhux biss biex nistgħagbu bih, imma wkoll biex insiru nixbħuh; nerfgħu l-ispirtu*

*ikompli f'paġna 6*

*Appuntament ta' kull sena:*
**L-Ikla ta' Jum San Ġorġ**
Organiżżata mil-LADIES SOCIETY
**Is-Sibt 24 t'April 1993**
**fil-għaxija**

**FIGOLLI...FIGOLLI...FIGOLLI...**
**It-Tnejn u t-Tlieta 29/30 ta' Marzu fi Pjazza San Ġorġ.**

**GAWDI L-FESTA TA' SAN ĠORĠ FI SPANJA**
**Tour Specjali bejn l-20 u s-27 ta' April 1993**
*Inżuru wkoll:*
**Ruma, Valenzia, Alcoy, Benidrom, Costa Brava, Barcelona**
Prezz: Lm299.50 - Half Board+Air Ticket Tax
**Iktar dettalji mill-Uffiċċju Parrokkjali**

# ĠESU KRISTU JŻUR IL-ĠNUS MAGĦQUDA




Imbuttat mill-folla,
Kristu wasal quddiem il-Palazz tal-Ġnus Magħquda.
Kellu l-wiċċ għajjien ta' wieħed anzjan,
il-pass inċert ta' wieħed refuġjat,
spallejh imgħawġa ta' wieħed bidwi,
in-nifs fgat ta' wieħed jaħdem fil-minieri,
l-għajnejn imdejjaq ta' wieħed imkeċċi minn pajjiżu,
l-idejn mitluqa ta' wieħed bla xogħol,
il-qalb għatxana ta' wieħed żagħżugħ.
ma kellu rakkomandazzjoni mingħand ħadd !
Biss id-dmugħ tal-bnedmin imbuttah 'il quddiem.
Il-ġustizzja tad-dgħajfa kienet il-qawwa tiegħu.

Ħabbat. Sab ma wiċċu l-"veto" kontra tiegħu !
Il-Bnedmin ma kienux ħielsa.
Fuq l-għatba taċ-Ċivilta' sab ħniżriet.
Qara d-"Drittijiet tal-Bniedem": ħass għafsa ta' qalb.
"Il-Bniedem għandu dritt għall-ħajja",
u tifel ċkejken maqtul qallu li dan mhux veru.
"Il-Bniedem għandu dritt għat-tagħlim",
u wieħed Afrikan qallu li din kienet ċajta.
"Il-Bniedem għandu dritt għax-xogħol",
u raġel qiegħed qallu li kien kollox bil-maqlub.
"Il-Bniedem għandu dritt għall-Paċi",
u armla tal-gwerra qaltlu li ħadd ma jaħseb fiha.
"Il-Bniedem għandu dritt għall-familja",
tifel ċkejken mitluq f'Istitut staqsih xi jfissru dawn il-kelmiet.
"Il-Bniedem għandu dritt għal-liberta",
u wieħed Kurd infaqa' jibki.

Kristu ħareġ 'il barra mill-Palazz tal-Ħġieġ.
Meta l-folla staqsietu r-riżultat taż-żjara tiegħu,
fetaħ idejh:
kien għadu msallab !!

Imbagħad, il-folla xterdet. Bdiet ix-xita.
Kristu baqa' hemm fix-xita, bħal ħafna oħrajn.
Ħadd ma waqaf! Ħadd ma ta każu !.

## U LLUM GĦADU HEMM !!!

Meta ngħaddu quddiemu, hu jwaqqafna
jipprova jfehmna li forsi int u jien
aħna ħatja li qed insallbuh fid-dinja ta' llum,
hemm, quddiem il-Palażż tal-Ħġieġ
fi New York, f'Milan, ġewwa l-Kalabrija.
Forsi ġo darek, jekk mhux ukoll fil-qalb tiegħek !.



## SOLLENITA LITURĠIKA TA' SAN ĠORĠ MARTRI

### Il-Ġimgħa 23 ta' April
### JUM SAN ĠORĠ

Il-jum għażiż tas-sollennita' liturġika tal-Patrun tagħna u ta' gżiritna San Ġorġ Martri żgur li ebda membru tal-Komunita' Parrokkjali qatt ma jinsa. Inqaddsu dan il-jum billi nersqu għall-qrar u t-tqarbin biex nirringrazzjaw lill-Mulej li tana bħala patrun tagħna Martri qalbieni li b'għemilu jgħallima li l-frugħa ta' din id-dinja ma tiswa xejn ħdejn il-hena tal-glorja eterna. Għalhekk ningħaqdu mar-Ragħaj Spiritwali tagħna u f'dan il-jum ninġabru bi ħġarna fit-tempju tagħna biex nitolbu lil San Ġorġ jibqa' iħarisna minn kull hemm u jkun hu l-kenn tagħna kontra kull ħażen. Mons Isqof imexxi Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni fl-okkażżjoni tal-Festa Liturġika ta' San Ġorġ, il-Ġimgħa 23 t' April fis-7.00pm.

**Il-Ħamis 22 t' April: Lejlet il-Festa:**

**Fis-6.30pm: Għasar Kantat**
**Fis-7.00pm: Quddiesa.**

**Il-Ġimgħa 23 t' April: JUM IL-FESTA**

**Fis-7.35am: Uffiċċju tal-Qari**
**Tifħir tas-Sbiħ il-Jum • Terza**

**Matul il-ġurnata kollha jkun hemm il-quddies tas-soltu filgħodu , kif ukoll fis-2.00pm, fit-3.00 u fil-4.00pm.**
**Fis-6.30pm: Għasar Kantat**
**Fis-7.00pm: Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru tal-Parroċċa.**

## SAN ĠORĠ FIL-HSIEB TA' SAN PIER DAMIANI (1007 - 1072)

*jaqbad minn paġna 4*

*tagħna lejn il-premju u l-glorja tas-sema , indawwru l-għajnejn ta' qalbna 'l hemm fuq, bix ma nħallux lid-dinja ċċaqlaqna, la bil-ħlewwa u ż-żegħil tagħha , lanqas bit-theddid u l-korla tagħha għalina.*

*Nitnaddfu, mela, mill-ħmieġ ta' l-imgħoddi midneb tagħna u niżżejnu bid-dija tal-ħajja l-ġdida, biex jistħoqqilna niċċelebraw il-misteru ta' l-Għid, u hekk insiru nixbħu lill-qaddisin martri".* (7)

**Il-Kult Lejn San Ġorġ**

Sa mis-seklu erbgħa San Ġorġ kien ġa meqjum f'Diospoli tal-Palestina, fejn kien hemm knisja ddedikata lilu, u l-klut tiegħu ilu li nxtered fil-lvant u l-punent minn żmien qadim ħafna.(8)

Skrizzjoni ta' madwar is-sena 350 A.D. misjuba fi knisja fis-Sirja tgħid hekk:"Id-Dar ta' l-imqaddsa martri rebbieħa, Ġorġi, u l-irġiel qaddisa miegħu. Hija bħala offerta minn Tiberius Isqof, il-Knisja u l-portiku kienu mibnija mill-pedamenti."

Il-kult ta' dan il-martri llustri ta' l-aħħar persekuzzjoni xtered bil-ħeffa u knejjes li jġibu d-data minn dan iż-żmien għadhom jeżistu fil-Mesapotamia u l-Eġittu, kif ukoll fis-Sirja fejn l-eqdem waħda hija maħsubha li hi dik tat-Tessalonika. F'Iżrael kien hemm kunvent iddedidat lil San Ġorġ f'El Kdur fejn Musulmani u Nsara kienu jġibu l-morda tagħhom għal fejqan. Fuq kollox kienet il-knisja ta' Lydda li fis-Seklu VI u f'dawk ta' wara saret ċentru ta' pellegrinaġġi. Ħafna pellegrini ħallew xhieda warajhom, u magħhom jingħadd l-istoriku Procopius, storiku kontemporanju ta' l-Imperatur Ġustinjani, fejn jgħid li l-Imperatur Ġustinjani (f'nofs is-seklu VI) bena knisja lil San Ġorġ f'Bizani, fl-Armenja. San Girgor minn Tours fis-sena 594 fakkar li San Ġorġ kellu ħafna venerazzjoni (kult). Kuq kollox minn xhieda li turi li l-Papa Leo II waqqaf knisja lil San Ġorġ fil-Velabro, Ruma bejn is-sena 682 u s-sena 683 A.D. (kif tinsab f'edizzjonijiet qodma tal-Liber Pontificalis). (9)

Fil-Kalendarju Universali tal-Knisja, u fil-Kodiċi Ġdid tar-Rubriki, fit-23 ta' April hemm it-tifkira ta' San Ġorġ Martri.(10)

Riferenzi:

1. Bibbliotheca Sanctorum. Vol.X. p.554
2. Carlo Carbone. I Grandi del Cattolicesimo. Vol.II pp.324,325.
3. Patri Albert Busuttil S.J. Il-Ħajja tal-Qaddisin. VolI p.155
4. L-istess p. 155
5. Carlo Carbone. I Grandi del Cattloicesimo. Vol II p. 325
6. Patri Albert Busuttil S.J. Il-Ħajja tal-Qaddisin Vol. I p.156.
7. Liturġija tas-Sigħat. Lezzjonijiet għall-Uffiċċju tal-Qari. IV.Żmien il-Għid. pp 181-183.
8. Liturġija tas-Sigħat Skond ir-Rit Ruman. p. 1735
9. Fr.Mark Elvins. St. George Protector of the English Realm. Who Was He? pp.16,17.
10. P. Giorgio da Riano OFM Cap. San Giorgio Grande Martire della Chiesa di Gesu' Cristo. p.9. (Ara wkoll Calendarium Breviarii et Missalis Romani: 23 Aprilis. Commemoratio S. Giorgii. Cod. Rubr. p. 105.)

## ATTIVITA' SPEĊJALI TAR-RANDAN '93

**Fil-Bażilika tagħna**

**RIFLESSJONIJIET QUDDIEM L-ISTATWI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA**

**L-Erbgħa 31 ta' Marzu fis-7.30pm**

*Kitba tal-Kav. Joe M. Attard*

Produzzjoni ta' l-Għaqda Żgħażagħ La Stella

**Ħinijiet tal-Quddies Fil-Għaxija**

- **Ħdud u Festi:** Fil-5.00pm u fis-6.30pm
- **Matul il-Ġimgħa:** Fil-5.30pm u fis-7.00pm

## ROKNA GHAT-TFAL

*Għeżież Tfal,*

*Kif intom? Illum nixtieq nistaqsikom kif mortu fil-ġranet tar-Randan. Tlabtu xejn? Ħsibtu xejn dwar ir-relazzjoni tagħkom m'Alla u mal-proxxmu? Għamiltu xejn penitenza u mortifikazzjoni? Għamiltu xejn atti ta' karita'? U la semmejna l-karita', nixtieq ngħidilkom naqra ta' storja.*

*F'West Bengal, kien hemm mara li kellha drawwa kurjuża: kull x'ħin kienet tidħol f'ħanut jew f'teatru, kienet toħroġ ktieb ċkejken iswed u tinnota xi ħaġa fuqu. In-nies li kienu jafuha ġiethom il-kurżita' u fl-aħħar kien hemm waħda staqsietha:*

*"Int żżomm il-kont ta' kull ħaġa li tonfoq?"*

*"Le, ħi", weġbitha din il-mara. "Jiena nżomm lista biss ta' dak li nonfoq fi ħwejjeġ ta' lussu, bħal fwejjaħ u affarijiet ta' dix-xorta".*

*"Imma, ngħid jien, x'tista tiswielek din il-lista?" reġgħet staqsietha l-oħra.*

*"Taf għaliex, ruħi", weġbitha dil-mara, "għax jiena nħossni egoista żżejjed, nixxala u nitħajjem waqt li hemm tant nies li qed ibatu fid-dinja. Alliura nżomm din il-lista, biex kull meta nonfoq xi ħaġa għall-kumdita' tiegħi, nagħti daqshekk ieħor flus għall-bżonnijiet ta' dawk li huma morda, bil-ġuħ jew bla dar".*

*Qatt ħsibna, tfal, f'dawk li qed ibatu waqt li aħna qed ngħixu fil-ħela? Min jaf kemm ikollna affarijiet x'nieklu u x'nilbsu u ninsew għal kollox lil dawk li huma bil-wisq inqas ixxurtjati minna. Mhux sewwa li naħsbu biss fina nfusna bla ma jimpurtana minn ħaddieħor li hu batut u fil-bżonn! Jeħtieġ li nifhmuha din u nkunu aktar konxji u konvinti li kull tant u tant inwarrbu xi ħaġa miż-żejjed li jkollna biex niftakru daqsxejn f'dawk fil-bżonn.*

*Għal-lum daqshekk, tfal. Niltaqgħu darb'oħra. Sa dak in-nhar, saħħiet.*

*Ċiaw*

***Iz-Ziju Peppi***

LELI PORTELLI



• LEGATURA
• TISWIJA TA' KOTBA
MAGAZINES u DISSERTATION

97, Aris Street, Xagħra, Gozo. Tel: 552556

# 25 Sena

## MILL-FTUĦ TAT-TEATRU ASTRA

### KUNĊERT KOMMMORATTIV MILL-BANDA "LA STELLA"



*Fuq kollox spikkat id-direzzjoni għaqlija tas-Surmast Direttur tal-Banda, Joseph Vella.*

Il-Banda Ċittadina "La Stella" fakkret egħluq il-25 sena mill-ftuħ uffiċċjali tat-Teatru Astra u l-Każin il-Ġdid tagħha fi Triq ir-Repubblika, b'Kunċert Vokali-Strumentali, bis-sehem tal-Kor Laudate Pueri, nhar il-Ħadd 14 ta' Frar 1993. Il-Kunċert inżamm, kif kien xieraq, fit-Teatru Astra, taħt il-ħarsien distint tal-President ta' Malta, l-E.T. Dr. Ċensu Tabone, u li għalih attendew għadd kbir ta' mistednin distinti, soċi, partitarji u ammiraturi tas-soċjeta'.

Xogħolijiet ta' Verdi, Weber, Rodgers u l-kompożituri Għawdxin Joseph Vella u Mons Giuseppe Farrugia ġew esegwiti f'dan il-kunċert, fosthom is-Sinfonija minn "La Forza del Destino"; selection mill-film mużikali 'Sound of Music', Concertino for Clarinet - Op.26 (li fih spikka l-klarinettista Mario Galea, u l-marċia trijonfali 'Gloria all'Egitto' mill-"Aida". Għal dawk li huma kompożizzjonijiet lokali, il-Banda esegwit is-Siute "Three mood Pieces" u l-innu reliġjuż "Giorgius Natus Est" tas-Surmast Direttur tal-Banda Joseph Vella, kif ukoll l-innu "A San Giorgio Martire", kapolavur ta' Mons Giuseppe Farrugia (Tal-Vers).

Il-pubbliku numeruż li assista għal dan il-kunċert seta' jitpaxxa bi programm mużikali ta' livell eċċezzjonali, esegwit b'ħila u teknika liema bħalha. Il-Banda flimkien mal-kor kienu fi klassi għalihom.

## Għat-Tielet Darba l-Ewwel



*Din kienet it-tielet sena konsekuttiva li s-Soċjeta' La Stella kisbet l-ewwel post fil-kategorija tal-Karri Trijonfali.*

**"Catch Me if You Can"** kien l-isem tal-karru trijonfali li permezz tiegħu s-Soċjeta' La Stella kienet rappreżentata fil-Karnival t'Għawdex ta' din is-sena. Il-mod stupend kif ġie kostruwit dan il-karru ma ħalla ebda dubju dwar x'kellu jkun ir-riżultat finali tal-ġurija. Kien karru tassew grottesk, kollu movimenti u kuluri, b'doża qawwija ta' umoriżmu. Fil-fatt il-karru kiseb l-ewwel post bl-unuri kollha.

Mertu kbir fis-suċċess li s-soċjeta' kisbet b'dan il-karru trijonfali għandu s-Sur Anthony Xuereb li, mhux biss iddisinjah, iżda flimkien ma grupp żgħir ta' dilettanti f'ħdan il-Kumitat, ħadem fuqu matul dawn l-aħħar tlett xhur.

**NIRRINGRAZZJAWHOM GĦALL-GĦOTJA TAGĦHOM B'RISQ IR-RIVISTA TAGĦNA**

- Mr. & Mrs. T. Aquilina (Milton,Ontario): CAN$ 100
- Mrs. Maria Ellis (Londra): Lm5

*Fl-Okkażjoni ta' egħluq il-25 sena mill-ftuħ uffiċċjali tat-Teatru Astra*

**IL-GRUPP FOLKLORISTIKU GĦAWDXI ASTRA**

*għandu l-pjaċir jippreżenta*

# L-Għabex

**spettaklu ta' mużika, kant u żfin kostumi u xenarju tipiku Għawdxi**

***is-Sibt 27 ta' Marzu 1993 fis-7.30pm Fit-Teatru Astra***

bis-sehem tal-mistieden speċjali **Frans Baldacchino (Il-Budaj)** u sħabu l-Kitarristi.



# BAŻILIKA SAN ĠORĠ
## PROGRAMM
# TAL-ĠIMGĦA MQADDSA

***Mill-Ħadd 4 t'April sal-Ħadd 11 t'April 1993***



**Il-Ħadd 4 t'April**
***Ħadd il-Palm***
F'Kull quddiesa jsir it-Tberik tal-Palm u ż-Żebbuġ
9.00am: Quddiesa Għat-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali
5.00pm: Tberik tal-Palm u ż-Żebbuġ fiċ-Ċentru Parrokkjali u Puċissjoni għall-Bażilika fejn issir Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons Arċipriet.
6.00pm: Inawguraxzzjoni tal-Mejda ta' l-Appostli fiċ-Ċentru Parrokkjali li tibqa' miftuħa sal-Ġimgħa l-Kbira fil-għodu.

**It-Tnejn 5 t'April**
***It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa***
5.30pm: Quddiesa u Via Sagra
6.00pm: L-Ewwel Qrara għat-Tfal li ser jirċievu l-Ewwwel Tqarbina din is-sena. Mistiedna wkoll il-Ġenituri.
6.30pm: Quddiesa

**It-Tlieta 6 t'April**
***It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa***
5.30pm: Quddiesa u Via Sagra
6.00pm: Quddiesa
7.15pm: Kunċert ta' Marċi Funebri mill-Banda Ċittadina "La Stella" taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella

**L-Erbgħa 7 t'April**
***L-Erbgħa tat-Tniebri***
5.30pm: Quddiesa
6.30pm: VIA SAGRA sollenni u Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons Isqof Nikol Cauchi flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru.

**Il-Ħamis 8 t'April**
***Ħamis ix-Xirka***
5.30pm: Konċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons Arċipriet flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru li fiha jsir il-ħasil ta' riġlejn l-Appostli.
7.00pm: Purċissjoni Tradizzjonali u devota tal-Ġimgħa l-Kbira bis-sehem tal-Banda "La Stella" u l-korijiet tal-Parroċċa.

**Il-Ġimgħa 9 t'April**
***Il-Ġimgħa l-Kbira***
8.00am: Ufficċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbieħ il-Jum.
4.00pm: Funzjoni Liturġika bil-Qari tar-Rakkont tal-Passjoni, Adorazzjoni u Bews tas-Salib u Tqarbin.

**Is-Sibt 10 t' April**
***Sibt il-Għid***
8.00am: Ufficċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbieħ il-Jum
8.00pm: Funzjoni Liturġika bi-tberik tan-nar, it-Tħabbira ta' l-Għid, il-Qari u Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons Arċipriet.

**Il-Ħadd 11 t'April**
***L-GĦID IL-KBIR***
9.00am: Konċelebrazzjoni Solenni mill-Kapitlu u l-Kleru mmexxija minn Mons Arċipriet.
10.30am: Marċ brijuż mill-banda "La Stella" bl-Istatwa ta' Kristu Irxoxt miċ-Ċentru Parrokkjali sal-Bażilika.
3.30pm: Jibda t-Tberik tal-Familji tal-Kommunita' Parrokkjali.

Forestals

POPE JOHN PAUL II STREET, VICTORIA • GOZO
TEL: 551234

*Special prices during the*
IDEAL HOME EXHIBITION
*at the Astra Theatre.*

NEW WORLD
smeg
JVC
SONY
Creda
Miele

A+M PRINTING LTD. - QALA